**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 24 ta' Mejju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Maria Charmaine Galea**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Maria Charmaine Galea ta' 34 sena, bint Antonio u Carmela nee' Apap, imwielda Pieta' nhar is-7 ta' Settembru 1983, residenti San Alessio, Blk A 5, Flt 7, Triq Censu Farrugia, Msida detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 445083M;

Talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe' f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Marzu 2017, u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2) U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

3) Aktar talli fl-istess cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghat taghrif falz;

4) Aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn dokument iehor falsifikat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi u x-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-24 ta' Mejju 2018, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat iz-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputata din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fiha, u tista' tghaddi ghalhekk ghas-sentenza. Il-Qorti tista' forsi tifhem u sa certu punt tissimpatizza mal-imputata, li wara kollox jidher li l-animu wara t-twettiq ta' dan ir-reat kien biex ikollha opportunita' ahjar li tapplika ghal xoghol. Madankollu huwa importanti ferm li risultati tal-ezamijiet mahruga minn istituzzjoni bhal ma hi l-Universita' ta' Malta jkunu dawk hekk mahruga u ccertifikati mill-istess universita'. Ghalkemm ir-reat fih innifsu sar biex l-imputata ittejjeb l-istat ta' impieg taghha, huwa gravi ferm li persuna tbiddel u taltera certifikat ta' ezami mahrug mill-Universita' u tuza dak id-dokument hekk iffalsifikat. Dik l-azzjoni tkisser il-fiducja li l-pubbliku jkollu fl-istituzzjonijiet, jekk wiehed ikollu dejjem jiddubita minn certifikati mahruga mill-awtoritajiet. Huwa ghalhekk li r-reat fih innifsu huwa wiehed serju b'riperkussjonijiet serji wkoll.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tarax li hemm il-htiega ta' sentenza ta' prigunerija, izda sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' billi tordna li l-imputata taghmel numru ta' sieghat xoghol fil-komunita' bhala riparazzjoni tal-hsara li ghamlet, u fl-istess waqt ikollha ftit ta' sorveljanza f'hajjitha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 188(1) u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannaha ghal tlitt mitt (300) siegha ta' servizz fil-komunita' f'sentejn, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**